13 ta' Diċembru, 1954

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Paolo Schembri *versus* Rosina Bonnici

**Retratt — Rivendizzjoni — Spejjeż Leġittimi — Rinunzja — "Res Judicata" — Depożitu — Żbank — Ripetizzjoni ta' Indebitu.**

*Għalkemm ir-rinunzji jistgħu jkunu wkoll taċiti, eppure, biex jista' jingħad li hemm rinunzja taċita, jeħtieġ li l-fatti li minnhom ikun allegat li toħroġ ir-rinunzja jkunu assolutament inkonċiljabili mal-konservazzjoni tad-dritt, u li jkunu tali li juru l-volontà preċiża li dak id-dritt jiġi abbandunat.*

*Sentenza li tikkonstata li sar id-depożitu ta' l-ispejjeż leġittimi doruti lir-retrattarju bħala wieħed mir-rekwiżiti tal-validità ta' l-*

*eżerċizzju ta' l-irkupru, u għalhekk tippreġudika terminu lir-retrattarju biex jagħmel ir-rivendizzjoni, mingħajr ma tippronunzja rukha dwar jekk is-somma depożitata mir-retraent fuq interpellazzjoni lilu magħmula mir-retrattarju hijiex realment dovuta jew le, jew dovuta f'ammont inqas, ma tikkostitwixxix "res judicata" li minħabba fiha r-retraent jsib ruħu prekluż milli jintenta kawża oħra biex jirrepeti xi parti minn dak id-depożitu li jippretendi li ma hix dovuta.*

*Għax ir-retraent għandu, b'liġi, id-dritt li jitlob il-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż leġittimi dovuti lir-retrattarju; u jekk jagħmel hekk, hu jkun rinunzja għal dan id-dritt billi jkun iddepożita s-somma reklamata mir-retrattarju għal dawk l-ispejjeż mingħajr ma jkun irrinkola d-depożitu, jew bla ma jkun għamel ebda riżerva, jekk huwa jkun għamel dak id-depożitu "għall-finijiet tar-rivendizzjoni". Għax depożitu hekk magħmul ma hux fatt li jimplika bilfors l-abbandun ta' dak id-dritt.*

*U fil-każ preżenti ġie ritenut illi lanqas ma kien fonti ta' rinunzja l-fatt li r-retraent kien talab li jiżbanka parti minn dak id-depożitu bi klas ta' kreditu tiegħu; għax il-kontestazzjoni tar-retraent ta' l-ammont ta' l-ispejjeż ma kienetx testendi għat-total, imma kienet tali li kienet tibqa' dejjem somma li minnha huwa seta' jagħmel l-iżbank minnu mitlub minn flus tar-retrattarju.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur esponna illi, in segwita għar-retratt eżerċitat minnu kontra l-konvenuta għar-rivendizzjoni tal-fond nru. 2/2A, Żurrieq Road, Birżebbuġa, il-konvenuta, b'ittra uffiċjali tal-1 ta' Frar 1952, informatu illi l-ispejjeż li hija għamlet fil-fond imsemmi, minn għandha rkuprat, jammontaw għas-somma ta' £211. 18. 10. għall-ispejjeż minnha nkorsi in okkażjoni tal-komprovendita ta' l-istess fond u tar-riparazzjoni ta' danni tal-gwerra, jew danni oħra u xogħol ġdid, kollox skond kont anness ma' l-istess ittra uffiċjali; illi b'ċedola tad-9 ta' Frar 1952 l-attur iddepożita għall-finijiet tar-rivendizzjoni, b'riżerva għal kull dritt lilu spettanti, is-somma ta' £220. 10. 7, ċjoè s-somma fuq imsemmija ta' £211. 18. 10, flimkien ma' £8 imgħax u

Hs. 94, spejjeż ta' l-istess ittra uffiċjali: illi r-rivendizzjoni ta' l-imsemmi fond favur l-attur saret in forza tas-sentenza fil-kawża fl-istess ismijiet deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' April 1952; illi l-ammont fuq imsemmi ta' £220. 10. 7 ma kienx totalment dovut lill-konvenuta, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u talab li għalhekk jiġi likwidat, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, l-ammont ta' l-ispejjeż utili u neċessarji li l-konvenuta għandha dritt tiehu u li hija għamlet qabel l-eżerċizzju tad-dritt tar-retratt, u li konsegwentement, mis-somma fuq imsemmija ta' £220. 10. 7. depożitati mill-attur, l-istess konvenuta tiġi kundannata tħallas lura lill-attur dik is-somma li minn din il-likwidazzjoni tirriżulta minnha riċevuta in eċċess;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha ssottomettiet li għall-azzjoni esperita josta l-art. 1504 (2) tal-Kodiċi Ċivili, peress li b'sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April 1952 ġiet ordnata r-rivendizzjoni tal-fond in atti, u dik s-sentenza ġiet bażata fuq il-motiv illi b'ċedola tad-9 ta' Frar 1952 l-attur iddepożita s-somma ta' £220. 10. 7. somma li huwa issa tardivament jippretendi li għandha tiġi verifikata;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 1954, li biha ċaħdet id-domanda ta' l-attur, bl-ispejjeż, barra dawk relativi għar-rikors tal-konvenuta tad-9 ta' Ġunju 1954, li għandhom jibqgħu kif gà provvduti, għali-istess konvenuta; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi dina l-Qorti, diversament preseduta, bl-imsemmija sentenza tat-30 ta' April 1952, wara li kkunsidrat illi b'ittra uffiċjali tal-4 ta' Frar 1952 il-konvenuta kienet għarrfet lill-attur li hija lesta tirrivendi l-fond, purkè jħallas is-somma ta' £211. 18. 10, ekwivalenti għall-ispejjeż lilha dovuti skond il-liġi, u illi l-attur kien iddepożita s-somma taħt l-awtorità tal-Qorti, ipprefiġġiet lill-konvenuta t-terminu perentorju ta' tnax l-ġurnata biex fih tagħmel ir-rivendizzjoni, u fin-nuqqas ir-rivendizzjoni kellha ssir b'effett ta' l-istess sentenza. Fil-fatt, il-konvenuta ma resqitx għar-rivendizzjoni, u dina għalhekk effettwat ruħha bis-saħħa ta' dik is-sentenza;

Illi l-azzjoni esperita l-lum hija evidentement bażata fuq l-art. 1504 (Kod. Ċiv.):

Illi l-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż kompetenti lir-retrattarju skond il-liġi normalment issir qabel ir-rivendizzjoni, u dana għaliex ir-retrattarju mhux obligat li jirrilaxxja l-fond irkuprat qabel ma jkun ġie rimborżat jew garantit mir-rimborż, permezz tad-depożitu, ta' dawk l-ispejjeż (art. 1503 (1) Kod. Civ.). Iżda dan ma jeskludix il-possibilità li l-likwidazzjoni ssir wara li tkun saret ir-rivendizzjoni, purkè r-retrattarju jkun ikkonserva integri d-drittijiet tiegħu skond il-liġi. Fil-każ tagħna, kif fuq intqal, ir-rivendizzjoni favur l-attur saret in forza tas-sentenza fuq ċitata, in vista tal-fatt li l-ispejjeż reklamati mill-konvenuta ġew mill-attur depożitati biċ-ċedola tad-9 ta' Frar 1952. Għalhekk għandha ssir l-indaġini jekk l-attur, minħabba l-atteġġjament tiegħu ġenerali, tisthoqqlux l-azzjoni li l-lum qiegħed jeżerċita;

Illi biċ-ċedola fuq riferita l-attur kien iddepożita s-somma ta' £220. 10. 7, ekwivalenti għall-ispejjeż mitluba mill-konvenuta in konnessjoni mal-bejgħ u spejjeż oħra neċessarji u utili li saru fil-fond, kompriżi l-imgħaxijiet mill-ġurnata ta' l-isborżi relativi rispettivi u l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali interpellatorja tal-1 ta' Frar 1952, biex dina s-somma "tiġi mogħtija liberament lil Rosina Bonnici malli dina tagħmel ir-rivendizzjoni". Dina s-somma ġiet mill-attur kunsidrata bħala appartenenti lill-konvenuta, tant li b'żewġ rikorsi, wieħed tal-15 ta' Settembru 1952 u l-ieħor tad-9 ta' Settembru 1953, l-attur talab li jiżbanka minnha £42. 13. 11½ bħala spejjeż lilu dovuti in forza tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ottubru 1951;

Illi la fl-imsemmija ċedola ta' depożitu, u lanqas fiż-żewġ rikorsi ġà riferiti, l-attur ma għamel, kif soltu jsir, ebda protesta fuq l-entità ta' l-ammont mitlub mill-konvenuta, u ma żamm favur tiegħu ebda riżerva li jimpunja dak l-ammont jew jitlob il-likwidazzjoni jew il-verifika tas-somma realment dovuta;

Illi dana l-atteġġjament ta' l-attur, fil-fehma tal-Qorti, jissupponi l-abbandun tad-dritt li kellu li jillikwida l-ispejjeż reklamati mill-konvenuta bl-imsemmija ittra uffiċjali tal-1 ta' Frar 1952, u jekwivali għal rinunzja taċita għall-azzjoni relativa. F'materja ta' morożità fil-ħlas tal-kera, dan il-prinċi-

pju ġie affermat mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-kawża "Manduca vs. Chalmers", deċiża fit-13 ta' Novembru 1953;

Illi ma jiswiex l-argument ta' l-attur, li ċjoè kwalunkwe riżerva fiċ-ċedola kienet tista' tannulla ċ-ċedola; għaliex apparti l-konsiderazzjoni li dina n-nullità mhix komminata mill-liġi, l-istess liġi tikkontempla l-każ ta' ostakolu għall-konsegwiment tad-depożitu, purkè għal kawża ġusta (art. 1495 Kod Civ.);

Rat il-petizzjoni ta' l-attur, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li jiġi deċiż għat-tenur tad-domandi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fin-nota preżentata mar-rikors tagħha ta' l-ewwel ta' Diċembru 1954 il-konvenuta eċċepiet ir-"res judicata" in bażi għas-sentenza tat-30 ta' April 1952, bħala ostakolu għall-azzjoni odjerna, iżda b'nota fid-data tal-lum irrinunzjat għall-eċċezzjoni. Jista' jingħad li, proprjament, ma kienetx is-sentenza, li l-konvenuta qiegħda tieħu bħala bażi ta' l-eċċezzjoni tagħha, li kkundannat lill-konvenuta tagħmel ir-rivendizzjoni, imma s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 1951. "Din" kienet is-sentenza li kkundannat lill-konvenuta għar-rivendizzjoni; iżda, peress li ma kienx ġie prefiss terminu, u ma kienx intalab li, jekk jgħaddi dak it-terminu inutilment, ir-rivendizzjoni titqies li saret "officio judicis", għalhekk l-attur odjern kien ippreżenta ċitazzjoni oħra, fejn talab dak li qabel kien ġie ommess, u l-Qorti, f'din is-sentenza l-oħra tat-30 ta' April 1952, ipprefiġġiet terminu biss, u pprovdiet għar-rivendizzjoni "officio judicis" jekk il-konvenuta ma tirrivendix fit-terminu lilha prefiss;

Komunkwe, ma hemmx l-ostakolu tan-"non bis in idem"; għax f'din it-tieni sentenza ta' l-1952 (f'dik ta' l-1951 id-depożitu kien għadu ma sarx), il-Qorti ma għamletx ħlief ikkonstatat l-eżistenza tad-depożitu ta' l-ispejjeż bħala wieħed mir-rekwiżiti tal-validità ta' l-eżerċizzju ta' l-irkupru, la darba r-retraent kien ġie nterpellat b'ittra uffiċjali tar-retrattarja dwar dawk l-ispejjeż (ċjoè tal-bejgħ, tar-riparazzjonijiet, ħsa-

rat, ecċ., mingħajr per ma pprorinunzjat ruħha bl-ebda mod dwar jekk is-somma li semmiet ir-retrattarja, u mir-retraent depożitata, kienetx realment dovuta jew le, jew dovuta f'ammont anqas. Hu loġiku li ma hemmx l-ostakolu li, qabel ma rrinunzjat għall-eċċezzjoni, semmiet il-konvenuta, jekk dak il-pont la ġie investit, u "multo minus" deċiż. Fi kliem oħra, il-Qorti pprovdiet għall-prefissjoni tat-terminu u għar-rivendizzjoni "officio judicis", wara li kkonstatat, "inter alia", li, wara l-interpellazzjoni uffiċjali tal-konvenuta, id-depożitu sar; iżda bl-ebda mod ma daħlet fil-kwistjoni tal-"quantum", jekk ġust jew le;

*Ikkunsidrat, fil-meritu;*

Hu ormaj "jus receptum" illi, għalkemm ir-rinunzji jistgħu jkunu wkoll taċiti, eppure, f'dan it-tieni każ, jeħtieġ li l-fatti li minnhom ikun allegat li toħroġ ir-rinunzja jkunu assolutament inkonċiljabili mal-konservazzjoni tad-dritt, u li juru l-volontà preċiża li dak id-dritt jiġi abbandunat;

Meta wieħed japplika dan il-prinċipju għall-fatti ta' din il-kawża, li huma suffiċjentement riepilogati fis-sentenza impunjata, jidher ċar li għall-istanza ma hemmx l-ostakolu tar-rinunzja taċita, opposta mill-konvenuta u argumentata mill-Ewwel Qorti;

Bħala retraent, l-appellant, kellu, b'liġi, id-dritt li jitlob il-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż leġittimi dovuti lir-retrattarja. Jekk laħaq ħallas aktar milli kien imissu jħallas, kellu, taħt il-liġi ġenerali, dritt għar-ripetizzjoni ta' l-indebitu billi jitlob il-likwidazzjoni ġudizzjarja;

Ma jistax jingħad illi hu rrinunzja għal dawn id-drittijiet tiegħu għax iddepożita s-somma reklamata mill-appellata, għall-ispejjeż in konnessjoni mal-bejgħ u spejjeż oħra neċessarji u utili, bla ma vvinkola d-depożitu jew bla ma għamel riżerva. Hu qal, fil-paragrafu konklużjonali taċ-ċedola, li qiegħed jiddepożita "għall-fini tar-rivendizzjoni". Infatti r-retrattarju ma hux obligat jirrivendi qabel ma jsir id-depożitu ta' dawk l-ispejjeż. Għalhekk ir-retraent għandu nteress li jiddepożita l-ammont reklamat mir-retrattarju, sabiex dan ikun tenut jagħmillu r-rivendizzjoni. Barra minn hekk, ir-retraent hu astrett mit-terminu biex jagħmel id-depożitu ta' l-ispejjeż, wa-

ra li jkun notifikat bihom; u jekk ma jottemperax ruħu ma' dan it-terminu, ir-retratt jaqa' (art. 1521, 1523 Kap. 23). Minn dan li ngħad jiġi li l-fatt tad-depożitu, magħmul, kif hemm espressament dikjarat fiċ-ċedola, "għall-fini tar-rivendizzjoni", ma hux fatt li jimplika bil-fors l-abbandun tad-dritt; għax preżumibilment l-intenzjoni tar-retraent, li għall-mument joqgħod fuq id-dikjarazzjoni ta' l-ammont magħmula mir-retrattarju, hija dik li jħallef u jottjeni r-rivendizzjoni, u li ma jitlifx l-irkupru;

Anki l-fatt li fiċ-ċedola l-appellant (kuntrarjament għal dak li qal fiċ-ċitazzjoni) ma għamelx riżerva espressa jista' jispjega ruħu bix-xewqa ta' l-appellant li ma jirritardax ir-rivendizzjoni; għax kondizzjoni simili, anki jekk ma tinvalidax l-irkupru, setgħet tissospendi r-rivendizzjoni (P.A. "Micallef vs. Cachia", 10 ta' Novembru 1944, Vol. XXXII—II—95);

Lanqas ma huma fonti ta' rinunzja l-iżbanki msemmijin mill-Ewwel Qorti; għaliex il-kontestazzjoni ta' l-ammont ta' l-ispejjeż ma testendix għat-total; u kwindi tibqa' dejjem somma li minnha l-appellant seta' jagħmel l-iżbank ta' €42 u rotti bħala żbank minn flus ta' l-appellata;

Konsegwentement, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-attijiet li minnhom il-Qorti ta' l-Ewwel Grad iddeżumiet ir-rinunzja huma ekwivoċi, u kwindi ma jimpurtawx rinunzja taċita;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija, u għal issa tipprovdi fuq l-ewwel domanda billi tinnomina lill-Professur John Gatt, O.B.E., A. & C.E., biex jagħmel il-likwidazzjoni mitluba. Tagħti lill-perit hekk nominat il-fakoltajiet soliti, inkluża dik li jisma' xhieda bil-ġurament;

Tirrinvija l-kawża għall-preżentata tar-relazzjoni għassedута tal-21 ta' Jannar 1955;

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali.

---